**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum: 11 ta' Marzu, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**Faraj Mohamed Faraj El Ragig detentur tal-Karta tal-Identita` numru 128998A**

*Kumpilazzjoni Nru. 785/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Faraj Mohamed Faraj El Ragig u cioe`, talli:

Nhar is-17 ta' Diċembru, 2018 għall-ħabta tas-2:00 ta' filgħaxija ġewwa il-lokalita' tal-Marsa:

1. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 332 Dien Camilleri u PC 1421 Bernard Sciberras, persuni inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jaġixxi għall-ezekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-Liġi minn Awtorita' kompetenti, **u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC 332 Dien Camilleri u PC 1421 Bernard Sciberras, persuni nkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, **u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna/i oħra u ċioe' ħebb u għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC 331 Dien Camilleri u fuq il-persuna ta' PC 1421 Bernard Sciberras skont kif iċċertifika Dr. Dalli-Badjadi M.D. (Reg. No. 3358) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana, **u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221(1)(a), 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

4. Fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'għajjat u ġlied, **u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

5. Fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qiegħdin jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jew fixxkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, **u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

6. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku,kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu, **u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Illi l-**Ispettur Robert Vella** xehed dwar kif nhar is-17 ta' Dicembru, 2018, għal ħabta tas-sagħtejn neqsin kwart, il-Pulizija tal-Għassa tal-Ħamrun kienu infurmati mil *Control Room* illi kien hemm xi Pulizija tal-Rapid Intervention Unit (aktar il-quddiem riferita bhala RIU) illi kellhom bzonn l-asistenza gewwa Triq Dicembru 13 minħabba li kienu gew aggrediti min persuna barranija. Hekk kif il-pulizija kienet ser tmur fuq il-post dahhlu l-għassa PC 1421 Bernard Sciberras, PC 168 Jonathan Sturry, PC 313 James Axisa u PC 331 Dejan Camilleri fejn magħhom kien hemm l-imputat.[1] Hu ta struzzjoniet lil PC 1421 u PC 331 sabiex jmorru il-Policlinic peress illi kellhom xi feriti fuq idejhom. Peress li l-imputat kien ukoll irrimetta gewwa id-*detention room* l-Ispettur kien ta l-ordni sabiex l-istess imputat jittieħed gewwa Mater Dei sabiex ikun jista' jigi invistat.[2] Illi meta gie interrogat l-imputat stqarr kif fil-jum tal-incident filghodu mar San Giljan jigbor xi hwejjeg minghand Fr. Hilary, wara mar jiehu café` mill-belt u wara iltaqa ma xi hbieb qabel ma iddecieda li jmur il-moskeja. Illi min hemmhekk ma kien jiftakar xejn iktar x'gara.[3]

Fl-istqarrija tieghu l-imputat innega li kien mal-art jew li kien xurban.[4] Innega li darab jew aggredixxa xi Pulizija u sostna li hu ma kien qed jaghmel xejn imma kien biss miexi *"Jien ma ghamilt xejn lill-pulizija."*[5]

Illi **PC 1421 Bernard Sciberras**[6] xehed illi fil-jum tal-kaz in dezamina waqt li kien qed jagħmel *patrol* flimkien ma PC 331 gewwa l-Marsa u fil-hin li kienu telghin direzzjoni lejn Triq Dicembru 13, innutaw lill-imputat mal-art b'wiccu l-fuq u ghalhekk niżżlu sabiex jaraw kellhux bżonn għajnuna. Kellhu xi tajjar gewwa widnejħ kif ukoll xi grieħi f'wiccu.[7] Bdew jippruvaw ikellmu lill-imputat iżda dan ma riedx jitkellem. Sakemm PC331 mar icempel ghal ambulanza l-istess persuna qam mill-art *"qisu in rage…qam minn mal-art, tar minn mal-art….filli mal-art u fulli qam ghalina…gie jigri ghal fuqi u jghajjat Allah u akbar"*.[8] Il-kuntisatabbli jsemmi

---

[1] Fol.22
[2] Fol.23
[3] Fol. 25.
[4] **Dok. RV7** a fol.36-37
[5] Fol.37
[6] A fol 38-45
[7] Fol.38
[8] Fol.39-40

li l-imputat girfu f'idejh u capsu bid-demm. Peress li ma riedx jikkalma, hu u PC331 pprocedew ghall-arrest tieghu kif ukoll kienu kostretti jaghmlu uzu mit-*taser* peress li ma setawx jikkontrollawh:

> *"Qorti: Pero inti l-mument li ddecidejt li kellek tirristrenjah u tarrestah, għaliex kien? Għaliex sempliciment qam?*
>
> *PC B. Sciberras: Għax beda jagħti d-daqqiet lejja u kissirli anke l-holster tal-pistola.".*[9]

Illi xhud qal ukoll illi filwaqt li l-persuna kienet qed tinżamm mal-art dan <u>beda jipprova jigdmu</u> u f'hin minnu anke <u>irnexxielu jigdmu</u> izda ma kienx hemm penetrazzjonji".[10]

Giet esebita *invoice* ghal *holster* bhal dak li safa mqatta li turi li dan jiswa €96.00.[11] Riprodott jghid li l-imputat intlemah izomm mal-barrier b'gismu mal-art,[12] ***"Jien l-importanti li nghid li ridna li tasallu l-assistenza medika…Jien nghinu ridt"*** u dan minhabba li ra li kellu griehi f'wiccu li kienu jidhru.[13]

Illi **PC 331 Dejan Camilleri** spjega kif fil-jum tal-kaz in dezamina x'hin kien fuq *patrol* ma PC 1421 lemħu lill-imputat mal-art u waqfu jaraw jekk kellhux bzonn l ghajnuna. Sakemm kien qed icempel ghall-ambulanza u pogga l-mobile gol-karozza, dar u sab li l-imputat kienet qamet minn mal-art u <u>bdiet tghajjat *"Allaħ u akbar"* filwaqt li beda jipprova jaggredixxi lil PC 1421</u>.[14] Illi huwa ghen lil kollega tieghu nnizzlu lill-imputat peress illi kien b'sahhtu u <u>ma setawx jikkontrollawħ</u>. Kien ghalhekk li sar użu mit-*taser* sakemm immanettjawh u talbu l-assistenza peress li l-imputat **kien aggressiv hafna**. Ix-xhud li l-imputat kellu xi dmija u il-hin kollu beda <u>jipprova jobzoq fid-direzzjoni taghhom</u>.[15] In kontro-ezami kkonferma li *"il-persuna baqghet aggressiva hafna maghna, sakemm gie mmannettja, kif gie immanettjat daqshekk"*. Tant kien aggressiv li t-*taser* kwazi ma hassux u meta nizluh mal-art beda <u>sahansitra jqum bihom fuqu b'kollox</u>. <u>Ippruvaw inizzluh mal-art diversi drabi izda dan irrezista</u>. Ix-xhud isemmi kif

[9] Fol.40
[10] Fol.42
[11] Dok.BS a fol.46
[12] Fol.55
[13] Fol.56-57
[14] Fol.47
[15] Fol.48

filwaqt li hu soffra biss grif, l-imputat beda jipprova jigdem lill-kollega tieghu.[16] L-imputat lilu **tah daqqa u ra id-demm hiereg minn ma idejh**.[17] Fit-tragitt lejn l-ghassa l-imputat ma baqax aggressiv hafna.[18] Ikompli li sema lill-kollega tieghu jkellem lill-imputat ***"L-ewwel ma qallu poggi bilqeghda qeghdin nghinuk****…. Apparti li konna* <u>*lebsin l-uniformi*</u>*, meta bdejna nkellmuh ghidnilu li ahna Pulizija mill-ewwel….[dan kien] Meta kien mal-art, meta ahna hsibna li kellu bzonn assistenza medika….. Kien qed izomm mal-crash barrier"*. Iddeskriva il-posizzjoni tal-imputat bhala dik ta' bniedem li kien *'crouched over'* il-*crash barrier*: [19] *"Ahna li hsibnih li xi hadd tajru b'xi karozza ghax kif kien jidher imbaghad ifhimni kellu dak it-tajjar hiereg minn go widnejh u ghidt bhal speci tajjar go widnejh?!....[wiccu] lejn il-crash barrier, daru lejna"*. Induna li l-imputat kellu d-demm fuq wiccu xhin nehhilu l-beritta. Jiddeskrivi l-movimenti tal-imputat versu l-kollega tieghu *"Jien rajtu miexi lejh,* ***rajtu miexi lejh u jghajjat Allah hu l-Akbar, jipprova jigbdem u jaghti bil-ponn…..****Jien rajtu jqum u lahaq kellmu l-kollega tieghi."*.[20]

Illi **PS 1500 Alfred Cutajar** ikkonferma l-**Current Incident Report.[21]** Spjega li cempel ghal ambulanza peress illi l-istess imputat irrimetta fic-cella u ridt imur l-isptar ghall-osservazzjoni.[22]

Xehedet ukoll **Dr. Frances Dalli Badjadi**[23] li kkonfermat ic-certifikati mahruga minnha wara li ezaminat lil PC 331[24] u **PC 1421[25]** u kkonfermat illi dawn soffrew grif li gew klassifikati bhala griehi hfief.[26]

Illi **PC 168 Jonathan Sterry,** stazzjonat l-RIU ikkonferma illi kien mar jaghti assistenza lil PC 1421 u PC 331 u malli waslu fuq il-post sabu lill-imputat immanettjat u *safely handled*. Kien skorta mal-imputat meta ttiehed kemm lejn l-Ghassa u sussegwentement l-Isptar. Il-komportament tal-imputat kien wieħed normali.[27] **PC 313 James Axisa** kkonferma din il-verzjoni. Zied li *"****Kien immanettjat imbaghad beda jirrezisti naqra kif kien immanettjat****… [Difiza: Pprova jdur ghalikom] …Ezatt…Beda* ***qisu***

[16] Fol.49-50
[17] Fol.50
[18] Fol.51
[19] Fol.52
[20] Fol.53
[21] Dok.RV a fol. 26
[22] Fol.60
[23] A fol 63
[24] Dok.RV1 a fol.30
[25] Dok.RV2 a fol.31
[26] Fol.63
[27] Fol.64

***joqmos, joqmos li tipo ersaq minn fuqi*** *…[Qorti: Jigifieri shoving you away]…Ezatt ezattament".*[28]

Illi **PC 857 Sean Laferla** ikkonferma li meta akkumpanja lill-imputat l-isptar il-komportament tieghu kien wiehed kalm.[29]

Illi **l-Ispettur Sandro Camilleri** xehed kif fil-jum in kwistjoni kien ghaddej mill-Marsa u ra persuna ta' karnaggjon skur ma tlieta jew erba' pulizija u kien qed **jaghti bil ponn, bis-sieq u anke jobzoq.**[30] **Hin minnhom l-imputat ipprova jobzoq anke lilu**. Ix-xhud qal li fi xhin wasal l-imputat dan kien ghadu ma giex immanettjat u beda jirrezisti l-arrest *"ghajnejh orange kienu, qisek qed tara bniedem out of his mind dak il-hin"*.[31]

Illi xehed **Dr. Yousef Yousef** li ezamina lill-imputat *"He had a small laceration over the right the preorbital bridge, multiple scattered bruises over his face and cheeks and left forehead contusion..we conducted the necessary investigations includng a CT scan brain and the facial bones due to the nature of the injuries. It was found that there was no significant abnormality in the brain, no scull fructures, just soft tissue contusion in the left frontal region no other gross abnormalities."* Mistoqsi dwar x'qallu l-imputat jghid is-segwenti *"He told me he was allegedly walking in Ħamrun at the time, he was suddenly stopped by a police and allegedly attaked by them. I asked him if there was any provocative actions or anything like that but he totoally denied any provocative actions. He denied any use of alcohol, or of any drug use."* [32]

Illi **Faraj Mohamed Faraj El Ragig**, l-imputat, ghazel li jixhed. Rega ttenna il-verzjoni li ta fl-interrogazzjoni u cioe` li kien mar ghand Fr. Hilary igib xi hwejjeg. Kif kien fi triqtu lejn il-moskeja safa aggredit ta' xejn b'xejn mill-pulizija: *"Imbaghad gew il-Pulizija fuqi, jien ma ghamiltilhom xejn, huma bdew il-fight. [**Qorti**: Pero' inti tahseb li l-Pulizija jaraw bniedem mixhut mal-art, jahsbuh mejjet, jaqbduh jaghtuh, qed tghid int?]…..Qed nghid sew Sinjura, jien lill-Pulizija ma ghamiltilhom xejn…..huma bdew il-fight. … Jien ma nafx x'riedu minni Sinjura…… Hawnekk sfortunatament sibt Pulizija fuq rasi, hawnekk il-Pulizija bdew isawtuni u ma nafx x'gara u jien sibt ruhi wara ftit Mater Dei u wara xi ftit sibt ruhi fil-habs fil-lock up u ma nafx x'gara, ghal xiex kont qieghed fil-habs…..-avukat qalli ghax int fottejt il-Pulizija. Jien ma*

[28] Fol.66-67
[29] A fol 69-70
[30] Fol.78
[31] Fol.79
[32] Fol.89-90

*sawwathomx lill-Pulizija….. Jien kont f'dan il-mument normali, huma jattakkaw lili. Jien xejn ma ghamiltilhom. Jien ma tlabt xejn minn naha tal-Pulizija biex jghinuni.".*

Illi l-Qorti ma temmen xejn din il-verzjoni. Il-pulizija waqqfu sabiex jghinuh minhabba il-posizzjoni li rawh fiha, mitluq ma *crash barrier* bi griehi evidenti fuq wiccu. **Ma kellhomx ghalfejn jieqfu ghajr sabiex jaghtu l-ghajnuna. Minflok hadu l-grazzi!** Il-verzjonijiet tal-pulizija huma veritjeri tant li ma ddejqux jikkonfermaw li fi triqtu lejn l-Ghassa l-imputat ma baqax daqshekk aggressiv anzi ikkalma. Ma fittxewx izzejnu l-verzjonijiet minn taghhom u dak li kien tieghu tahulu!

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace**:[33]

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1) filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li isemmi il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*" Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

---

[33] Appell Numru 519/2015; Per Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, 26 ta' Mejju 2016

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Illi l-fatti specie ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom perfettament fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali aktar milli fl-artikolu 95. Ghalhekk il-qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi t-tielet imputazzjoni giet ampjament ippruvata. Mhemmx dubbju li PC331 u PC1421 soffrew griehi ta' natura hafifa in segwitu tal-alterkazzjoni li pprecipita l-imputat.

Rigward ir-raba imputazzjoni, fis-sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Maria Concetta Green**[34] inghad:

"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali."

[34] Volum LXXXIII Part IV paġina 441

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Tanti** rriteniet kif gej:[35]

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali:**

"Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" **[5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-*"common law*" Ingliza kien jissejjah "*a breach of the peace"* . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak lghemil.**

**Fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" **[23.6.1994] umbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "*breach of the peace*" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890 , fl-ismijiet :** "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." **kien qal hekk :-**

***"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato."* (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).**

**Fl-istess sentenza ta'** Paul Busuttil **gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992) , jghidu :-**

***"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In*** *Ferguson v. Carnochan* ***(1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in*** *Macmillan v. Normand* ***(1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) .***

**u dik il-Qorti ziedet tghid li :-**

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh,* 1978):

***"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para.41-01).***

***U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-***

[35] Appell Nru.46/2005; Deciza 5 ta' Mejju, 2005, per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono.

***"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04).***

Illi dwar il-hames imputazzjoni ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Jerken Decelis**[36] li huwa applikabbli ghall-kaz odjern:

"L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija sabiex imur l-Ghassa ta' San Glijan. L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu kontestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva.

L-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija mill-ewwel deher li kien menefregista, ta' sfida, nonce aggressiv."

Illi ma ngabet l-ebda prova sabiex tissostanzja s-sitt imputazzjoni.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi prodotti il-Qorti tqis l-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tal-imputat ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi gew esebiti sentenzi moghtiija fil-konfront fosthom wahda li nghatat f'Marzu, 2018,[37] fejn l-imputat instab hati ta' reati identici. Illi l-imputat nghata 36 xahar biex ihallas il-multa u ghalhekk l-imputat ma jistax jitqies li hu recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. L-istess jinghad dwar is-sentenza moghtija nhar is-27 ta' Frar, 2015, fejn l-imputat inghata sanzjoni kommunitarja.[38]

Illi fir-rigward tal-ewwel, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet japplika l-principju ta' konkors formali ta' reati bil-piena l-aktar severa tkun dik ravvizata bl-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali hekk kif abbinat mal-artikolu 222(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar il-piena il-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, attakk insensat u gratwit precizament fuq min fittex li jghin izda safa' aggredit. Pulizija li marru jaghtu l-ghajnuna sfaw vittimizati

---

[36] Deciza fit-22 ta' Novembru, 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

[37] Dok.RVZ1 a fol.75

[38] Dok.RVZ a fol.73

huma stess. Ghalkemm l-abbli difiza talbet ghall-klemenza f'kaz ta' sejbien ta' htija, il-Qorti qiset li fix-xhieda tieghu l-akkuzat ma wera l-ebda rimors ghall-ghemilu anzi cahad ghall-kollox l-akkuzi addebitati lilu. L-agir irreprensibbli tieghu mwettaq fuq persuni – ufficjali tal-pulizija - li huma t-tarka tac-cittadin ma jista' qatt jimmerita xi forma ta' skuzant *multo magis* atti ta' klemenza. Jekk tali kondotta tithalla tiehu l-gheruq u timrah, fl-ahhar mill-ahhar ikun il-pajjiz li jisfa' l-akbar tellief fejn il-ligijiet tieghu jithallew jitfarrku w jigu kkalpestati b'impunita` kemm il-darba l-infurzar taghhom jithalla jidghajjef. Attakki fuq forzi tal-ordni m'ghandhomx ikunu tollerati anzi sanzjonati bl-iktar severita`.

Illi jirrizulta li l-imputat mhux xi *first-time offender* u dan il-fatt gie kkunsidrat ukoll meta l-qorti giet biex tqis il-piena erogabbli, hekk kif qiset ic-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-mottivi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, u tillibera lill-imputat mis-sitt imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 96(a), 221(1), 222(1)(c) u 338 (dd)(ee) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha, u tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**